TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Appello 73 K

Avviż Numru CCT 247/12-F

**Joseph Falzon**

**vs**

**Piu Camilleri – P & JC Co. Ltd.**

Illum 16 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Settembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), rappreżentanti xogħol ħażin li sar fuq in-naġa ta' barra tal-blokk bil-konsegwenza li beda dieħel l-ilma.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara appartament mingħand is-soċjeta' ntimata bil-kundizzjoni illi l-komun kellu jitlesta għall-ispiża tas-soċjeta' ntimata, illi minkejja li sar dan ix-xogħol daparte tal-venditur, ix-xogħol sar inferjuri bil-konsegwenza li beda dieħel l-ilma.

L-intimat issottometta illi x-xogħol kien sar tajjeb u dan hu riżultat ta' manutenzjoni li kellhom isiru mir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u ra r-ritratti u kif ukoll ra r-rapport tal-perit tekniku, jinnota illi x-xogħol għalkemm sar kien ta' kwalita' inferjuri u mhux komplut.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata jħallas is-somma ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888